# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-18 ta' Gunju 2024**

**Talba nru. 148/2023**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED**
**(C 3143)**

*VERSUS*

**SULLIVAN MARITIME LIMITED**
**(C 20340)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fil-21 t'April 2023, is-socjeta attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' tlett elef mija u sebgha u sebghin Ewro u tmintax-il centezmu (Eur 3177.18) rapprezentanti hsarat u danni sofferti mill-assikurata GasanZammit Motors Limited fuq konsenja ta' vetturi abbord l-vapur Euro Cargo Catania u kwantu ghal Eur 228.50 rapprezentanti survey fees. Bl-Ispejjez u bl-interessi.

Ra illi s-socjeta konvenuta ipprezentat risposta fit-22 ta' Mejju 2023 fejn eccepiet b'mod preliminari illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni li jisma u jiddeciedi din il-vertenza u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet tar-Regolament UE 593/2007 u/jew Nru 1215/2012. Illi fil-mertu, s-socjeta konvenuta wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati u kwalunkwe danni ghandhom jigu ppruvati li sehhew b'rizultat ta' traskuragni u negligenza u limitatament ai termini tal-kondizzjonijiet tal-polza a karigu u skond il-ligi.

Il-prezenti sentenza hija wahda preliminari, ristretta dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, ossia jekk dan it-Tribunal ghandux il-gurisdizzjoni li jisma tali talba.

Fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2023 it-Tribunal, fid-dawl ta' din l-eccezzjoni preliminari kien ordna sabiex il-provi jigu invertieti.

F'din l-eccezzjoni gie sottomess mis-socjeta konvenuta illi din l-eccezzjoni kienet issib l-ispunt taghha fir-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012.

Provi

Illi t-Tribunal ra x-xhieda ta' Emanuel Portelli li jokkupa l-kariga ta' senior manager mas-socjeta konvenuta fejn ighid illi t-Tribunal m'ghandux jisma dan il-kaz a bazi tal-*bill of lading* tal-principal taghha u skond ir-regoli Ewropej. Is-socjeta konvenuta topera bhala agent lokali ta' Grimaldi Euromed SpA. Ir-rapprezentant ighid illi Ford huma klijenti ta' Grimaldi Lines filwaqt illi GasanZammit Motors Limited huma l-konsinjaturi tal-vetturi li ingiebu minn Grimaldi Lines. Ix-xhud ighid hekk;

"*Ta min jinnota wkoll li s-soltu l-kuntratt tal-garr isir mis-shipper mal-carrier. Madankollu, d-drittijiet kollha tas-shipper kontra l-carrier taht il-polza tal-karigu huma normalment mghoddija lill-konsinjatur mal-moghdija tat-titolu fil-propjeta mibghuta. Ghalhekk ladarba il-konsijatur jhallas is-shipper u jircievi l-merkanzija, jista jfittex lill-carrier taht il-polza tal-karigu u skond l-istess termini u kundizzjoni li hemm miktubin*."

Ix-xhud ighid illi l-polza tal-karigu tistabilixxi fi klawsola 2 illi: -
"*Any and all claims and/or disputes and/or disputes arising under the contract of carriage evidenced by this Bill of Lading or in connection therewith shall be brought before and determined by the Courts of Naples and in accordance with the Law of Italy, unless otherwise provided herein . .*"

Ghaldaqstant, ix-xhud ighid illi din il-kawza qatt ma missha infethet ghaliex il-klawsola dwar il-gurisdizzjoni hija cara u intenzjonata sabiex tistabillixi konsistenza fejn ghandek diversi partijiet ta' nazzjonalita differenti. Ix-xhud izid, illi "*bhala agenti ghal u f'isem il-principal taghha, Sullivan Maritime Limited ghandha wkoll tkun intitolata li tqajjem l-istess difizi li jistghu jitressqu mill-principal taghha. . . .*"

Min-naha taghha, s-socjeta attrici ipprezentat affidavit ta' John Galdes, li ghandu l-kariga ta' Senior Manager u li kkonferma illi GasanZammit Motors Limited kienet assikurata mas-socjeta attrici konsenja ta' vetturi Ford. Minhabba danni rizultanti mill-vjagg, is-socjeta attrici hallset lil GasanZammit Motors Limited l-ammont ta' Eur 2,948.68 u Eur 228.50 f'surveys. Ix-xhud ighid illi d-danni gew kagunati waqt li l-merkanzija kienet taht ir-responsabbilta tas-socjeta Grimaldi Euromed SpA u ghalhekk zammew lill-istess socjeta estera responsabbli tramite l-agent taghhom u cioe s-socjeta konvenuta.

Is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' GasanZammit Motors Limited u din ta' l-ahhar ma kellha l-ebda involviment fin-negozjar tat-termini u kundizzjonijiet li hemm fil-polza ta' karigu (*bill of lading*).

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2023 iz-zewg rapprezentanti gew kontro-ezaminati. John Galdes in rapprezentanza tas-socjeta attrici jghid illi l-ordni tal-konsenja saret direttament minn Ford u mhux minn GasanZammit Motos Limited. Jghid illi minn stharrig illi ghamlet is-socjeta attrici

irrizulta illi l-vettura kienet immarkata li kellha l-hsarat meta waslet Malta u cioe waqt li l-vettura kienet ghadha fil-pussess tal-linja tal-vapur.

Fl-istess seduta, Emanuel Portelli bhala rapprezentant tas-socjeta konvenuta fejn jikkonferma (Fol.33) illi s-socjeta konvenuta kellha diversi kawzi ohra fil-passat anke fejn il-polza ta' karigu kellha klawsoli ta' gurisdizzjoni li jirreferu ghal pajjizi differenti.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi ghalhekk, id-decizjoni odjerna hi fundamentalment ibbazata fuq il-materjal probatorju rakkolt in atti u fid-dawl tas-sottomissjonijiet bil-miktub imressqa mid-difensuri, akkompanjata mill-aspetti legali u principji guridici.

Il-principju baziku jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Il-gudikant ma jistax, fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja ghall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Tali insenjament huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, "*Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp*" (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u "*Michael Debono et v. Joseph Zammit et*" (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010).

Illi l-eccezzjoni mqanqla mis-socjeta konvenuta ddur fuq il-punt li galdarba illi l-polza tal-karigu tistabilixxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Napli, s-socjeta attrici ma tistax tressaq talbiet quddiem dan it-Tribunal jew Qrati ohra li mhux f'Napli. Ghalhekk, in forza ta' tar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012, qed tigi eccepita l-gurisdizzjoni ta' l-enti gudizzjarji Maltin milli jisimghu u jintrattjenu dan il-kaz peress li si tratta ta' kuntratt maghmul bejn Ford u Grimaldi Euromed SpA.

Is-socjeta attrici topponi ghal din l-eccezzjoni billi tghid illi bhala assikuratrici tal-konsenjaturi hija mhux marbuta mal-polza tal-karigu, partikolarment tenut kont tal-fatt illi lanqas GasanZammit Motors Limited ma kellha xi involviment f'dan il-kuntratt. Di piu, r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta ikkonferma illi kemm-il darba gew trattati kawzi ta' dan it-tip fil-fora Maltija anke meta kien hemm klawsoli bhala ma hemm stabbilit fl-Artikolu 2 tal-kuntratt ta' karigu.

Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti hu aspett necessarju li jigi indirizzat minhabba dak provdut fl-Artiklu 1 tar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Dicembru, 2012 li jghid li, "*Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal*."

Skond il-Qorti tal-Ġustizza tal-Unjoni Ewropea (*Case 29/76 LTU v Eurocontrol [1976] ECR 1541 punt 4 u Case 814/79 Netherlands v Rüffer [1980] ECR 3807*), dak li jaqa fil-frazi "*kwistjonijiet ċivili u kummerċjali*" ghandu jigi essenzjalemnt determinat "*by reason of the legal relationships between the parties to the action or of the subject-matter of the action*." Ghalhekk, ir-relazzjoni guridika li tinterkorri l-prezenti partijiet ghandha tigi ben individwata. Ghal dak li jikkoncerna r-relazzjoni li tghaddi bejn it-tnejn, huwa bil-wisq naturali ghal dan it-Tribunal illi din tippartecipa minn obbligazzjoni ta' natura kuntrattwali. Ta' din il-fehma hi dduttrina u anke l-gurisprudenza lokali.

Jibda' billi jinghad illi l-eccezzjoni in kwistjoni hija ta' natura perentorja tal-gudizzju u cioe kontra l-gurisdizzjoni, cioè ta' inkompetenza assoluta in kuntrast ma' l-inkompetenza relattiva bejn id-diversi Qrati u tribunali domestici. Permezz ta' din l-eccezzjoni s-socjeta konvenuta tikkontendi li l-Qrati u Tribunali Maltin ma jistghux jiehdu konjizzjoni tat-talba attrici u dan ghaliex il-materja processwali kellha ssegwi l-klawsola imnizzla fil-kuntratt ta' karigu u cioe Napli.

Is-socjeta konvenuta tibbaza l-argumenti taghha a bazi ta' l-Artiklu 25 (1) (a) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 li jghid hekk: -

"*Jekk il-partijiet, irrispettivament mid-domiċilju tagħhom, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu in konnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dik il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Ġurisdizzjoni bħal din għandha tkun esklużiva sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod ieħor. Il-ftehim li jagħti ġurisdizzjoni għandu jkun jew:*

*(a) bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba;*

Illi l-emfazi ta' dan l-artiklu huwa illi l-partijiet ikunu qablu illi jissottomettu l-kwistjonijiet taghhom quddiem qorti partikolari. Izda fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-partijiet f'din il-kawza fl-ebda punt ma qablu dwar din il-kwistjoni. Is-socejta konvenuta qed tibbaza l-argumenti taghha fuq il-kuntratt ta' karigu illi certament ma jinvolviex lis-socjeta attrici bhala l-assikuratrici tal-konsenjaturi. Certament illi l-kuntratt ta' karigu jorbot lill-klijenti li f'dan il-kaz huma Ford u lill-linja tal-vapur u cioe Grimaldi Euromed SpA izda mhux lill-partijiet f'din il-kawza.

Illi s-socjeta konvenuta bhala agenta tal-linja tal-vapur ghandha r-responsabbilta illi tidhol fiz-zarbun tal-linja tal-vapuri bhala rapprezentanta taghha izda dan ma jfissirx illi l-istess socjeta konvenuta tista testendi l-klawsoli tal-kuntratt tal-karigu fil-konfront ta' terzi. Dan qed jinghad, ghaliex anke kieku wiehed kellu japplika s-subincizi (b) u (c) ta' l-Artikolu 25 tar-Regolament 1215/2012, u cioe illi l-gurisdizzjoni hija bbazata: -

*"(b) f'għamla li taqbel mal-prattiki li l-partijiet ikunu stabbilixxew bejniethom; jew*

*(c)f'negozju jew kummerċ internazzjonali, f'għamla li taqbel mal-użanza li dwarha l-partijiet huma jew li kellhom ikunu konxji u li f'dak in-negozju jew kummerċ tkun magħrufa sewwa, u regolarment osservata minn, partijiet għal kuntratti tat-tip involut f'dak in-negozju jew kummerċ partikolari kkonċernat."*

dan it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta attrici ma tinkwadrax fl-ebda wiehed minn dawn.

It-talba tas-socjeta attrici hija bbazata fuq danni li hija kellha thallas lill-klijenti taghha, f'dan il-kaz GasanZammit Motors Ltd, bhala assikuratrici u ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jarax illi l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta tista tapplika fil-konfront tas-socjeta attrici. Kif tghid is-socjeta konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha, l-ftehim tal-karigu jorbot lil Ford Otomotiv u Grimaldi izda hawn si tratta ta' parti (socjeta attrici) li hija totalment estranea minn dan il-ftehim.

Illi certament illi s-socjeta attrici m'ghandha l-ebda prattici fis-sehh mas-socjeta konvenuta jew mal-principal taghha. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali eccezzjoni ma tistax tintlaqa fil-konfront tas-socjeta attrici.

**Decide**

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dak hawn fuq kunsidrat, u abbazi tal-materjal lilu fornit dwar din il-materja, it-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u jiddikjara li, fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi din il-kawza u, konsegwentement, jordna l-prosegwiment tas-smigh tal-procediment. Kwalsiasi spejjez u/jew drittijiet gudizzjarji marbuta ma' dan l-episodju huma rizervati ghall-gudizzju finali.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur